MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1116/2013

**Alfred Baldacchino u Paul Sciberras**

**Vs**

**Anthony Zammit**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fid-19 ta’ Novembru 2013, l-atturi ppremettew u talbu:-

*1. Illi fil-11 ta' Novembru 2012 ghal habta ta' saghtejn u kwart ta' filghodu, waqt li l-konvenut Anthony Zammit kien qed isuq vettura tal-marka Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni JOL130 fi Triq Mikielang Borg, San Giljan dahal fil-vettura tal-marka Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni CTY091 licenzjata sabiex topera bhala Taxi mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta b'konsegwenza li l-vettura tal-mittenti spiccat f'kollizjoni mal-vettura stazjonarja Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni DQZ204 u dana kif jirrizulta mir-rapport u mill-iskizz mahrug mill-Pulizija;*

*2. Illi l-vettura tal-marka Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni CTY091 propjeta' tar-rikorrenti Alfred Baldacchino kienet dak il-hin misjuqa mir-rikorrenti Paul Sciberras li ma l-impatt soffra griehi f'rasu tant li kellu jigi rikoverat immedjatament l-isptar Mater Dei;*

*3. Illi dan l-incident gara tort unikament tal-konvenut u dan minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;*

*4. Illi b'rizultat u konsegwenza tal-imsemmi incident, l-atturi soffrew danni, kemm ta' natura attwali u materjali u kif ukoll danni fil-persuna tar-rikorrenti Paul Sciberras, inkluz dawk ta' natura permanenti u li jirrigwardaw il-futur tieghu, kif ser jirrizulta ahjar waqt l-andament tal-kawza;*

*5. Illi l-konvenut huwa responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni rizultanti, kif gja' indikat;*

*6. Illi nonostante illi l-konvenut gie interpellat sabiex jassumi r-responsabbilta' ghall-incident relattiv u jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kagunati lill-atturi konsegwenza tal-imsemmi incident, huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

Għaldaqstant, l-atturi jitolbu għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*[1] tiddikkjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident li sehh fil-11 ta' Novembru 2012 ghal habta ta' saghtejn u kwart ta' filghodu, meta l-vettura tal-marka Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni JOL130 fi Triq Mikielang Borg, San Giljan misjuqa mill-konvenut dahal fil-vettura tal-marka Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni CTY091 licenzjata sabeix topera bhala Taxi mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta misjuqa mill-attur Paul Sciberras;*

*[2] tiddikkjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi jew min minnhom u dan minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;*

*[3] tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, b'rizultat tal-imsemmi incident, jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u*

*[4] tikkundanna lill-konvenut ihallas l-istess danni hekk likwidati lill-atturi – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-1 ta' Frar 2013 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-prezenti kontra l-assikuratrici tal-konvenut u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali ta' 1 ta' Frar 2013 sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li minn issa jibqa' ingunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Permezz ta' risposta prezentata fit-22 ta' Jannar 2014 (fol. 52), il-konvenut wiegeb li:

1. L-incident gara tort ta' Paul Sciberras.
2. F'kull kaz l-atturi ghandhom jipprovaw id-danni li jghidu li sofrew.

Il-konvenut ippropona rikonvenzjoni fejn talab lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-attur Paul Sciberras hu unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Novembru 2012 fi Triq Mikelang Borg, San Giljan.
2. Tillikwida d-danni.
3. Tikkundanna lill-attur Sciberras ihallas id-danni li jigu likwidati mill-qorti.

L-attur Sciberras wiegeb li ma kienx responsabbli ghall-incident u li m'hemmx danni x'jigu likwidati.

Il-qorti semghet il-provi u trattazzjoni u rat l-atti.

Il-kaz jitratta dwar incident tat-traffiku li sehh fil-11 ta' Novembru 2012 fi Triq Mikielang Borg, San Gijan bejn vettura Toyota (CTY 091) li kien qieghed isuq l-attur Sciberras u Kia JOL 130 li kien qieghed isuq il-konvenut. Il-konvenut isostni li l-incident sehh ghaliex il-vettura CTY 091 dahlet fil-karreggata minn fejn kien ghaddej bil-vettura. Qal ukoll li ma jaqbilx mal-iskizz (fol. 17) in kwantu rota fuq il-parti ta' wara tal-vettura tieghu kienet qeghda tmiss mal-bankina.

Waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-konvenut ghamlet enfazi fuq dak li jirrizulta mill-iskizz tal-pulizija (fol. 17). Ipproponiet li l-incident sehh f'nofs it-triq u semmai z-zewg xufiera huma responsabbli ghall-akkadut. Pero' wiehed irid jinterpreta l-iskizz b'kawtela gialadarba hu evidenti, li bid-daqqa l-vettura Kia Avella (JOL 130) dahret minn quddiem u minn wara.

Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti hi tal-fehma li l-incident sehh meta l-vettura JOL 130 baqghet diehla fil-vettura CTY 091. Tant dan hu minnu li bl-impatt il-vettura CTY 091 spiccat giet imbuttata ghal fuq vettura li kienet ipparkjata (DQZ 204)[1]. Meta tqies din ic-cirkostanza l-qorti ma tarax kredibbli l-verzjoni tal-konvenut li:

*"Kif qlajt u qieghed fuq it-tieni gear rajt dil-vettura gejja mill-faccata qisha qed tiskapula xi haga, xi hofra.* ***Dil vettura qasmet ghal gewwa l-karreggata minn fejn kont ghaddej jien"*** (enfazi mizjuda, fol. 120).

Qal ukoll:

*"Jien kont ghaddej mill-karreggata tal-vetturi li nezlin lejn San Giljan. L-incident sehh f'din il-karreggata"* (fol. 120).

Fl-istqarrija li l-konvenut ta lill-pulizija, jinghad:

*"Kont niezel in-nizla u f'daqqa w l-hin rajt karozza isserrep quddiemi u hbatna"* (fol. 15).

[1] Ara skizz fol. 17.

Ir-raguni tghidlek li bil-mod kif il-konvenut iddeskriva l-incident, li kieku kienet il-vettura CTY 091 li habtet fil-vettura tieghu waqt li kienet fil-karreggata rizervata ghall-vetturi nezlin lejn San Giljan, tal-ewwel ma kenitx tispicca mahbuta fil-vettura pparkjata.

PS6 Duncan Saviour Demicoli, li nvestiga l-incident, xehed:

*"Jien fuq il-post* ***innutajt illi l-impatt kien iktar qieghed fuq in-naha tal-karreggata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura CTY 091****. Dan kien il-fattur lil lili wassalni biex nikkonkludi illi l-vettura CTY 091 kienet qeghda tinstaq fil-karreggata taghha".*

Wiehed irid jiftakar ukoll li fuq ix-xellug tal-karreggata minn fejn kienet ghaddej il-vettura li kien qieghed isuq Sciberras, kien hemm vetturi pparkjati. Dan fisser li l-vettura CTY 091 bilfors kellha tinstaq lejn nofs it-triq. Mhux l-istess fuq in-naha tal-konvenut. Il-qorti ghalhekk ma tifhimx kif il-konvenut ma kienx qieghed isuq iktar vicin il-bankina. F'dan ir-rigward il-qorti ma temminx lill-konvenut meta qal: *"Jien ma kontx qed insuq f'nofs it-triq"* (fol. 121).

Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi, il-qorti tqies li r-reponsabbilta' tal-incident hi tal-konvenut.

Nghaddu issa ghal likwidazzjoni tad-danni:

(a) **Alfred Baldacchino**, sid tal-vettura Toyota Corolla CTY 091:

- i) spejjez biex tissewwa u ancillari - **€6,348.56** (ara dokumenti a fol. 63-74);
- ii) Il-vettura CTY 091 kienet taxi. L-attur qal li sakemm saret it-tiswija, il-vettura ma setatx tintuza [11 ta' Novembru 2012 sad-19 ta' Dicembru 2012]. Skond is-survey report, it-tiswija kellha tiehu disat (9) ijiem. Il-qorti fehemet li t-tul ta' zmien li ghadda sakemm issewwiet il-vettura, kien minhabba xiri ta' parts. Baldacchino qal li minghand Sciberras kien jircievi s-somma ta' €100 kull gimgha talli kien juza l-vettura ghax-xoghol (fol. 99). Verzjoni li ma gietx kontestata mill-konvenut. Il-qorti qeghda ghalhekk tillikwida s-somma ta' **€500** bhal danni ghat-telf ta' qliegh fil-perjodu msemmi.

(b) **Paul Sciberras**, xufier tal-vettura Toyota Corolla CTY 091:-

Twieled fl-20 ta' Jannar 1957. Ghalhekk fid-data tal-incident kellu 55 sena. Skond il-perit mediku ghandu debilita permanenti ta' 2%. Opinjoni li hadd mill-partijiet ma kkontesta. Mid-dokumenti li pprezenta dan l-attur (Dok. PS2-PS4, fol. 112-114), il-qorti fehemet li Sciberras jaghmel ix-xoghol ta' xufier tat-taxi fuq bazi ta' part time. Fis-sena 2009 kellu dhul ta' €10,251, sena 2009 - €9,633; 2010 - €9,011 filwaqt li fis-sena 2011 kellu dhul ta' €7,733. Il-qorti fehemet li kien hemm perjodu li matulu dan l-attur ma setax jahdem minhabba l-griehi li sofra fl-incident. Ghalkemm qal li dam tmien (8) xhur ma jmur ghax-xoghol, ma tressqet l-ebda prova medika li tikkonferma din id-dikjarazzjoni. Il-qorti qeghda tillikwida d-danni hekk:

€9,000 x 6 snin[2] = €54,000 x 2%[3] = €1,080 – 5%[4] = **€1,026**.

Qeghda wkoll *arbitrio boni* tillikwida s-somma ta' **€1,500** bhala dhul li tilef dan l-attur f'perjodu li fih suppost kien qieghed jirkupra mill-griehi li sofra[5].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut.**
2. **Tilqa' t-talbiet tal-atturi u tillikwida d-danni fir-rigward tal-attur:-**
   (a) **Alfred Baldacchino fis-somma ta' sitt elef tmien mija u tmienja u erbghin ewro u sitta u hamsin centezmu (€6,848.56);**
   (b) **Paul Sciberras fis-somma ta' elfejn hames mija u sitta u ghoxrin ewro (€2,526);**
3. **Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammonti likwidati, bl-imghax mil-lum.**
4. **Tichad it-talbiet tar-rikonvenzjoni.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut**.

[2] Mid-data tal-incident diga' ghaddew kwazi tlett snin.
[3] Fir-rapport jinghad: *"Mill-istorja mehuda minn Mr Sciberras u mid-dokumenti ta' l-Isptar Mater Dei, jirrizulta li Mr Sciberras sofra minn trawma fir-ras u issa ghadu jkollu sintomi ta' Post-concussional Syndrome"* (fol. 135).
[4] Kull ma fadal biex l-attur jaghlaq 61 sena huma ftit iktar minn tlett snin. Ghalhekk tqies li t-tnaqqis ghal *lump sum payment* m'ghandux ikun iktar, gialadarba l-qorti ghamlet il-kalkoli sal-eta ta' 61 sena.
[5] Fuq perjodu ta' xahrejn, li gie stabbilit mill-qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------